**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru : 69/2023**

**Kawza Nru : 21**

**DP**

**U**

**CP**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 9 ta' Frar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fis-sitta u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u dan skont iċ-ċertifikat anness bħala Dok 'A';*

*Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat is-sittax (16) ta' ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja liema kuntratt huwa hawn anness bħala Dok 'B';*

*Illi minn dan iż-żwieġ kellhom wild wieħed bl-isem ta' DZP li twieled f'X;*

*Illi l-manteniment dovut lit-tifel minuri, u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, dejjem ġie rrispettat;*

*Illi kwantu għall-manteniment lejn xulxin, il-partijiet kienu gia' ddekadew kif maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni anness ma' dan ir-rikors;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet qegħdin jaqblu illi l-kundizzjonijiet kollha li kienu miftehmin u mniżżla fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi qegħdin jiġu rrispettati miż-żewġ partijiet;*
*Illi dawn il-fatti kif hawn fuq elenkati u kkonfermati fl-affidavit tar-rikorrenti, liema affidavit qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati Dok 'C' u Dok 'D', jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti DP sabiex tirriverti għal kunjom xbubita u cioe "G";*

3. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabilixxi, jirreġistra d-divorzju fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DP xehdet** (vide affidavit fol 9) illi l-partijiet izzewgu nhar is-26[1] ta' Settembru 2009 u minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono nhar is-16 ta' Frar 2016. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm manteniment dovut bejn il-partijiet.

**CP xehed** (vide affidavit fol 10) u kkonferma u kkollabora max-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

[1] U mhux 29 ta' Settembru 2009 kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg a Fol 4

***b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26[2] ta' Settembru 2009, liema zwieg jgib certifikat numru 1745/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono datat 16 ta' Frar 2016 (Vide kuntratt ta' separazzjoni fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

[2] U mhux 29 ta' Settembru 2009 kif iddikjarat fir-rikors promotur u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Inoltre, il-Qorti rat t-talba tal-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'G'.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1745/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lil DP sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'G' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**